DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

16 ta' Jannar 2014*

"Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Vjaġġi kollox kompriż (package travel), vaganzi kollox kompriż u tours kollox kompriż — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-perċentwali minimi għall-garanzija li għandu jkollu organizzatur ta' vjaġġi bil-għan li jkun jista' jirrimborsa l-fondi mħallsa mill-konsumaturi fil-każ ta' insolvenza"

Fil-Kawża C-430/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Lulju 2013, fil-proċedura,

Ilona Baradics,

Adrienn Bóta,

Éva Emberné Stál,

Lászlóné György,

Sándor Halász,

Zita Harászi,

Zsanett Hideg,

Katalin Holtsuk,

Gábor Jancsó,

Mária Katona,

Gergely Kézdi,

László Korpás,

Ferencné Kovács,

Viola Kőrösi,

Tamás Kuzsel,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

Attila Lajtai,

Zsolt Lőrincz,

Ákos Nagy,

Attiláné Papp,

Zsuzsanna Peller,

Ágnes Petkovics,

László Pongó,

Zsolt Porpáczy,

Zsuzsanna Rávai,

László Román,

Zsolt Schneck,

Mihály Szabó,

Péter Szabó,

Zoltán Szalai,

Erika Szemeréné Radó,

Zsuzsanna Szigeti,

Nikolett Szőke,

Péter Tóth,

Zsófia Várkonyi,

Mónika Veress

vs

QBE Insurance (Europe) Ltd Magyarországi Fióktelepe,

Magyar Állam,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Borg Barthet (Relatur), President tal-Awla, M. Berger u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża għandha tinqata' permezz ta' digriet motivat, skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn, min-naħa, I. Baradics *et*, klijenti ta' organizzatur ta' vjaġġi, u, min-naħa l-oħra, QBE Insurance (Europe) Ltd Magyarországi Fióktelepe Minisztérium (iktar 'il quddiem "QBE Insurance") u Magyar Állam, irrappreżentati min-Nemzeti Fejlesztési Minisztérium (iktar 'il quddiem l-"Istat Ungeriż"), dwar l-irkupru ta' ħlas minn qabel jew tal-prezz totali mħallas minn kull wieħed mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għax-xiri ta' vjaġġ organizzat.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi seba', tmintax, wieħed u għoxrin u tnejn u għoxrin tad-Direttiva 90/314 jiddikjaraw:

"Billi t-turiżmu qed jifforma dejjem iżjed parti importanti fl-ekonomija ta' l-Istati Membri; billi s-sistema tal-pakketti hija parti fondamentali fit-turiżmu; billi l-industrija tal-vjaġġi kollox kompriż fl-Istati Membri tiġi stimulata għal tkabbir u produttività akbar jekk għallanqas kellhom jiġu adottati minimu ta' regoli komuni biex jagħtuha dimensjoni Komunitarja; […]

[...]

Billi l-organizzatur u/jew il-parti li qed tbiegħ fil-kuntratt għandhom ikunu obbligati lejn il-konsumatur għat-twettiq approprjat ta' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-kuntratt; billi, barra minn hekk, l-organizzatur u/jew il-bejjiegħ għandhom jkunu responsabbli għall-ħsara li tirriżulta lill-konsumatur min-nuqqas ta' tħaddim jew mit-tħaddim ħażin tal-kuntratt kemm-il darba id-difetti fit-tħaddim tal-kuntratt ma jkunux tort la tagħhom u lanqas ta' xi fornitur ieħor tas-servizzi;

[...]

Billi kemm il-konsumatur kif ukoll l-industrija tal-vjaġġi kollox kompriż għandhom jibbenefikaw jekk l-organizzaturi u/jew il-bejjiegħa kellhom jitqiegħdu taħt obbligazzjoni li jipprovdu xiehda biżżejjed ta' garanzija fil-każ ta' falliment;

Billi l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jadottaw, jew iżommu, dispożizzjonijiet aktar iebsa rigward il-vjaġġi kollox kompriż bl-iskop li jipproteġu l-konsumatur".

4 L-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' pakketti mibjugħa jew offruti għall-bejgħ fit-territorju tal-Komunità."

5 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1) 'pakkett' [kollox kompriż] tfisser it-tagħqid irranġat minn qabel ta' mhux anqas minn tnejn minn dawn li ġejjin meta jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ bi prezz inklużiv u meta s-servizz ikopri perjodu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa jew jinkludi akkomodazzjoni ta' bil-lejl:

   a) it-trasport;

   b) l-akkommodazzjoni;

   ċ) servizzi turistiċi oħra mhux anċillari għat-trasport jew l-akkomodazzjoni u li jammontaw għal parti sinifikanti tal-pakkett.

   It-tqegħid tad-diversi komponenti ta' l-istess pakkett f'kontijiet differenti ma jeħlisx lill-organizzatur jew lill-bejjiegħ mill-obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva;

2) 'l-organizzatur' tfisser il-persuna li, barra milli darba fil, jorganizza pakketti u jbigħhom jew joffrihom għall-bejgħ, kemm jekk direttament kif ukoll jekk permezz ta' bejjiegħ;

3) 'il-bejjiegħ' tfisser il-persuna li tbiegħ jew toffri għal bejgħ il-pakkett imlaqqa' mill-organizzatur;

[...]"

6 L-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji li ġejjin jiġu applikati in konnessjoni mal-kuntratt:

a) skond il-pakkett partikolari, il-kuntratt għandu jkun fih tal-anqas l-elementi elenkati fl-Anness;

b) il-pattijiet kollha tal-kuntratt għandhom jitniżżlu bil-miktub jew inkella f'xi forma oħra li tkun tiftiehem u aċċessibbli għall-konsumatur u għandha tingħata lilu qabel it-tagħqid tal-kuntratt; il-konsumatur għandu jingħata kopja ta' dawn il-pattijiet;

(ċ) id-dispożizzjoni skont (b) ma teskludix li jsiru prenotazzjonijiet jew kuntratti ritardati fl-aħħar ħin."

7 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 90/314:

"Jekk il-konsumatur jirtira mill-kuntratt skond il-paragrafu 5, jew jekk, għal xi raġuni tkun xi tkun, ħlief waħda li tkun tort tal-konsumatur, l-organizzatur iħassar il-pakkett qabel id-data tat-tluq, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt:

a) li jew jieħu pakkett ieħor minflok ta' l-istess kwalità jew kwalità ogħla meta l-organizzatur u/jew il-bejjiegħ ikun jista' joffrilu sostitut bħal dan. Jekk il-pakkett tas-sostituzzjoni li jingħata jkun ta' kwalità aktar baxxa, l-organizzatur għandu jagħti lura d-differenza fil-prezz lill-konsumatur;

b) jew li jitħallas lura malajr kemm jista' jkun s-somom kollha li jkun ħallas skont il-kuntratt."

8 L-Artikolu 5(1) u (2) ta' din id-direttiva huwa redatt kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzatur u/jew il-parti kontraenti li qed tbigħ ikunu responsabbli mal-konsumatur għat-tħaddim approprjat ta' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-kuntratt, irrispettivament minn jekk dawn l-obbligazzjonijiet għandhomx jitwettqu minn dak l-organizzatur u/jew bejjiegħ jew minn xi fornituri oħra tas-servizzi mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-organizzatur u/jew tal-bejjiegħ li jduru fuq dawk il-fornituri l-oħra tas-servizzi.

2. F'dak li għandu x'jaqsam mad-danni li jsofri l-konsumatur minħabba n-nuqqas ta' tħaddim jew it-tħaddim ħażin tal-kuntratt, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzatur u/jew il-bejjiegħ ikun/u responsabli kemm-il darba dan in-nuqqas li jitħaddem jew it-tħaddim ħażin ma jkunx dovut la għal xi tort tagħhom u lanqas għal dak ta' xi fornitur ieħor tas-servizzi […]

[…]"

9 L-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-organizzatur u/jew il-bejjiegħ li jkun parti kontraenti għandu jipprovdi xiehda biżżejjed ta' sigurtà għar-rifużjoni tal-flus li jkunu tħallsu u għar-ripatrijazzjoni tal-konsumatur fil-każ ta' xi falliment."

10 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew jirritornaw dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva biex jipproteġu lill-konsumatur."

11 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 90/314 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel il-31 ta' Diċembru 1992. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bihom."

Id-dritt Ungeriż

12 L-Artikolu 15(2) tad-digriet tal-Gvern Nru 213, tal-21 ta' Diċembru 1996, dwar l-attività ta' organizzaturi u ta' bejjiegħa bl-imnut ta' vjaġġi [az utazásszervező és -közvetítő tevékenységró1 szóló 213/1996. (XII. 23.) Korm. rendelet, iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-Gvern 213/1996"] huwa intiż li jimplementa l-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/314 u l-Artikolu 7 ta' din tal-aħħar.

13 Skont l-Artikolu 2 tad-digriet tal-Gvern 213/1996, jistgħu jeżerċitaw fl-Ungerija, l-attività ta' organizzatur jew ta' bejjiegħ bl-imnut ta' vjaġġi unikament dawk l-impriżi tal-ivvjaġġar li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti minn dan id-digriet u li, fuq talba tagħhom, ikunu ġew inklużi fil-reġistru pubbliku uffiċjali miżmum mill-Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal (Uffiċċju Ungeriż tal-liċenzji kummerċjali, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju"). Waħda mill-kundizzjonijiet rikjesti sabiex impriża tiġi inkluża f'dan ir-reġistru hija li l-impriża jkollha garanzija patrimonjali skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tal-imsemmi digriet.

14 L-Artikolu 8(1) tal-Digriet tal-Gvern 213/1996 jipprevedi li garanzija patrimonjali tista tkun:

"a) garanzija bankarja,

b) assigurazzjoni konkluża ma' assiguratur wieħed jew iktar, li tista' tiġi konkluża fid-dawl tan-numru ta' vjaġġaturi (għall-benefiċċju dirett ta' kull wieħed minn dawn tal-aħħar), jew

ċ) somma flus marbuta f'kont separat miftuħ mill-impriża tal-ivvjaġġar fi ħdan istitut ta' kreditu għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1) […].

Il-valur tal-garanzija patrimonjali għandu jikkorrispondi għal perċentwali stabbilita mid-dħul mill-bejgħ nett previst mill-kummerċjalizzazzjoni ta' vjaġġ organizzat jew għandu jilħaq ammont minimu stabbilit."

15 Kif espost mill-qorti tar-rinviju, skont l-Artikolu 8(7) ta' dan id-digriet, impriża tal-ivvjaġġar hija obbligata – meta dan ikun neċessarju – li żżid, mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-ammont tal-garanzija patrimonjali li jekwivali għall-valur ta' riferiment ibbażat fuq id-dħul mill-bejgħ nett, ikkalkolat skont il-liġi C tal-2000, dwar il-kontabbiltà (a számvitelről szóló 2000. évi C. törvény) fis-sena tal-konklużjoni tal-kuntratt tal-garanzija bankarja jew ta' assigurazzjoni, jew ta' depożitu ta' flus.

16 Minn qari tal-Artikolu 8(9) flimkien mal-Artikolu 10(1)(a) u (b) tad-Digriet tal-Gvern 213/1996, il-garanzija patrimonjali għandha, fi kwalunkwe mument, tippermetti li jiġu koperti l-ispejjeż, ħlasijiet minn qabel u l-prezzijiet fl-intier tagħhom imsemmija fl-Artikolu 10(1) ta' dan id-digriet, jiġifieri l-ispejjeż ta' assitenza tal-vjaġġaturi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' urġenza, bħar-ripatrijazzjoni, u l-ispejjeż ta' soġġorn imprevist, kif ukoll il-ħlasijiet minn qabel u l-prezzijiet fl-intier tagħhom. Fil-każ li d-dħul mill-bejgħ reali jkun jeċċedi b'iktar minn 10 % dak li jkun intuża bħala ammont ta' riferiment sabiex tiġi stabbilita l-garanzija patrimonjali, l-impriża tal-ivvjaġġar għandha tbiddel l-ammont ta' garanzija, f'terminu ta' ħamest ijiem ta' xogħol, skont id-dħul mill-bejgħ reali, u għandha tagħti prova ta' dan mingħajr dewmien lill-Uffiċċju.

17 L-Artikolu 8(11) tad-Digriet tal-Gvern 213/1996 jipprevedi li l-perċentwali jew l-ammont minimu jiddependi fuq il-punt dwar jekk:

— il-vjaġġ organizzat ikkummerċjalizzat jinvolvix vjaġġi mill-Ungerija lejn pajjiż barrani jew bejn pajjiżi barranin, jew inkella vjaġġi interni fil-pajjiż;

— fil-każ ta' vjaġġ organizzat li jinvolvi vjaġġi mill-Ungerija lejn pajjiż barrani, humiex irriżervati fuq ajruplani li joperaw titjiriet li ma humiex regolari (titjiriet "charter");

— il-valur tal-obbligi naxxenti minn kuntratt iggarantit jeċċedix 25 % tal-dħul mill-bejgħ. Kuntratt jitqies li huwa ggarantit meta ma tkunx iktar possibbli r-rinunzja għat-termini maqbula, meta għaldaqstant, l-impriża tal-ivvjaġġar tassumi l-obbligu li twettaq pagamenti perjodiċi.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fl-2009, ikkonkludew kuntratti tal-ivvjaġġar mal-organizzatur tal-ivvjaġġar 5 Kontinens Utazási kft., li permezz tagħhom huma wettqu ħlasijiet minn qabel, jew, f'ċerti każijiet, ħallsu l-prezz tal-vjaġġ fl-intier tiegħu.

19 Dan l-organizzatur tal-vjaġġi sar insolventi qabel il-bidu tal-vjaġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

20 Skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni tal-garanizja patrimonjali għall-organizzaturi u l-bejjiegħa bl-imnut tal-vjaġġi, konkluż bejn l-imsemmi organizzatur u QBE Insurance, din tal-aħħar hija obbligata, fil-każ li jimmaterjalizza riskju assigurat, li tħallas kumpens għall-ispejjeż ta' ripatrijazzjoni u ta' soġġorn imprevist tal-vjaġġaturi kif ukoll – jekk dawn l-ispejjeż ma jkunx jeċċedu l-ammont tal-kopertura tar-riskji assigurati – għall-ħlasijiet minn qabel u l-prezzijiet fl-intier tagħhom miġbura għall-vjaġġ. Il-partijiet kontraenti f'dan il-kuntratt kienu stabbilxxew is-somma ta' HUF 40 miljun bħala ammont massimu tal-kopertura.

21 Minħabba dan il-limitu massimu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġew irrimborsati biss 22 % tal-ħlasijiet minn qabel u tal-prezzijiet imħallsa.

22 Konsegwentement, huma ppreżentaw rikors quddiem il-qorti tal-ewwel istanza bil-għan li QBE Insurance u l-Istat Ungeriż jiġu kkundannati jikkumpensawhom bl-ammont mhux irrimborsat ta' dawk il-ħlasijiet minn qabel jew ta' dawk il-prezzijiet imħallsa.

23 Huma sostnew li d-Digriet tal-Gvern 213/1996 jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314, u li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikun jeżisti l-obbligu li jingħata kumpens mill-Istati Membri kull meta direttiva ma tkunx ġiet implementata korrettament fid-dritt intern.

24 Il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet ir-rikors. Hija qieset b'mod partikolari li l-Istat Ungeriż kien ittraspona d-direttiva fid-dritt intern.

25 Meta ġiet adita bl-appell ippreżentat mir-rikorrenti mis-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza, il-qorti tar-rinviju kkonfermat l-imsemmija sentenza fil-konfront ta' QBE Insurance.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Fővárosi Ítélőtábla, peress li kellha ċerti dubji dwar il-kompatibbiltà tad-Digriet tal-Gvern Nru 213/1996 mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/314, iddeċidiet li tisspospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"1) Il-leġiżlatur nazzjonali jissodisfa debitament l-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva [90/314] — fi kliem ieħor, jiżgura protezzjoni xierqa lill-individwi kontra r-riskju ta' insolvenza jew ta' falliment tal-organizzaturi u ta' bejjiegħa bl-imnut ta' vjaġġi — meta jipprovdi li l-valur tal-garanzija patrimonjali mogħtija mill-organizzatur jew mill-bejjiegħ bl-imnut għandu jikkorrispondi għal perċentwali speċifika tad-dħul mil-bejgħ nett fuq il-bejgħ [previst] tal-vjaġġ organizzat jew għal ammont minimu?

2) Jekk il-ksur jista' jiġi stabbilit f'dak li jirrigwarda l-Istat Ungeriż, l-imsemmi ksur huwa suffiċjentement serju sabiex ikun jista' jiġi konkluż li teżisti responsabbiltà li tintitola għal kumpens?"

Fuq id-domandi preliminari

27 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura, meta domanda preliminari magħmula tkun identika għal domanda li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja tkun diġà tat deċiżjoni, meta r-risposta għal tali domanda tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għad-domanda preliminari ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

28 F'din il-kawża hemm lok li jiġi applikat l-imsemmi artikolu.

Fuq l-ewwel domanda preliminari

29 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva 90/314 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, skont il-preżentazzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju, sempliċiment jistabbilixxu l-ammont ta' garanzija li l-organizzatur jew il-bejjiegħ bl-imnut ikun obbligat li jipprovdi b'riferiment għal perċentwali li għandha tiġi ddeterminata skont id-dħul mill-bejgħ nett imwettaq mill-bejgħ ta' vjaġġi organizzati previsti matul is-sena finanzjarja meqjusa bħala rilevanti jew għal ammont minimu li għandu jiġi ddeterminat.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li s-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita mill-Artikolu 267 KE hija bbażata fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kuntest ta' kawża ppreżentata skont dan l-artikolu, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għandha ssir mill-qrati tal-Istati Membri u mhux mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ma huwiex kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tar-regoli tad-dritt intern mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tevalwa l-kompatibbiltà tad-dritt intern mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 36, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 37).

31 Għalkemm huwa minnu li s-sinjifikat litterali tad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni, xejn ma jimpedixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju billi tipprovdiha bl-elementi ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni li jippermettulha li tiddeċiedi hija stess dwar il-kompatibbiltà tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Ottubru 2007, Hollmann, C-443/06, Ġabra p. I-8491, punt 21, u tas-16 ta' Frar 2012, Varzim Sol, C-25/11, punt 28).

32 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar, preliminarjament, li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 jimponi fuq l-organizzatur tal-vjaġġi l-obbligu li jkollu garanziji suffiċjenti u adegwati sabiex jiżguraw, fil-każ ta' insolvenza jew ta' falliment, ir-rimbors tal-fondi mħallsa u r-ripatrijazzjoni tal-konsumatur, peress li l-għan ta' dawn il-garanziji huwa l-protezzjoni tal-konsumatur mir-riskji ekonomiċi li jirriżultaw mill-insolvenza jew mill-falliment tal-organizzatur tal-vjaġġ (ara s-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et*, C-178/94, C-179/94 u C-188/94 sa C-190/94, Ġabra p. I-4845, punti 34 u 35).

33 Għalhekk, l-għan fundamentali ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi ggrantit li r-ripatrijazzjoni tal-konsumatur u r-rimbors tal-fondi mħallsa minn dan tal-aħħar jiġu żgurati fil-każ ta' insolvenza jew ta' falliment ta' dak l-organizzatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Dillenkofer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 35 kif ukoll 36).

34 Fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi rrilevat, qabel xejn, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali sabu ruħhom esposti għal dawk ir-riskji li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 għandu l-għan li jindirizza. Fil-fatt, billi ħallsu l-fondi qabel it-tluq, huma esponew ruħhom għar-riskju tat-telf ta' dawn tal-aħħar.

35 Sussegwentement, jeħtieġ li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 74 tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju 1999, Rechberger *et* (C-140/97, Ġabra p. I-3499), li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 jinkludi l-obbligu ta' riżultat li l-vjaġġaturi jingħataw dritt għall-garanziji ta' rimbors tal-fondi mħallsa u ta' ripatrijazzjoni fil-każ ta' falliment tal-organizzatur tal-vjaġġi u li din il-garanzija hija preċiżament maħsuba sabiex tipproteġi lill-konsumatur mill-konsegwenzi tal-falliment, ikunu xi jkunu l-kawżi.

36 Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 hija kkorroborata mill-għan li din tal-aħħar għandha jkollha, li hija li tiggrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi (ara s-sentenza Dillenkofer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, fil-punt 63 tas-sentenza Rechberger *et*, iċċitata iktar 'il fuq, li la fil-premessi tad-Direttiva 90/314 u lanqas fil-kliem tal-Artikolu 7 ma teżisti xi indikazzjoni li abbażi tagħha l-garanzija prevista fl-imsemmi Artikolu tista' tiġi llimitata.

38 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tittrasponi korrettament l-obbligi tal-imsemmi Artikolu 7 unikament, u indipendentement mill-modalitajiet tagħha, jekk, b'riżultat tagħha, jiġu effettivament iggarantiti fir-rigward tal-konsumatur kemm ir-rimbors tal-fondi kollha li huwa jkun ħallas kif ukoll ir-ripatrijazzjoni tiegħu fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi (ara s-sentenza Rechberger *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

39 Issa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, kienet biss parti mill-ħlas mwettaq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li setgħet tiġi rrimborsata mal-garanzija msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314.

40 Hija l-qorti tar-rinviju, li unikament għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali, li għandha tistabbilixxi jekk din is-sitwazzjoni ġietx ikkawżata mill-fatt li s-sistema prevista mil-leġiżlatur nazzjonali, fid-dawl tal-modalitajiet konkreti tal-kalkolu tal-ammont tal-garanzija, għandha l-effett li tipprovdi għal kopertura insuffiċjenti għar-rimbors tal-fondi mħallsa mill-konsumatur u tal-ispejjeż ta' ripatrijazzjoni possibbli, sa fejn din is-sistema hija strutturalment inkapaċi li tieħu inkunsiderazzjoni l-avvenimenti fis-settur ekonomiku li hija tittratta.

41 Fid-dawl ta' dak li ntqal, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali sa fejn il-modalitajiet ta' din tal-aħħar ma jwasslux għar-riżultat li jiġu effettivament iggarantiti fir-rigward tal-konsumatur kemm ir-rimbors tal-fondi kollha li huwa jkun ħallas kif ukoll ir-ripatrijazzjoni tiegħu fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża ppreżentata qudddiemha.

Fuq it-tieni domanda preliminari

42 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, sa fejn l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-valur tal-garanzija patrimonjali mogħtija mill-organizzatur jew mill-bejjiegħ tal-vjaġġi għandu jiġi stabbilit permezz ta' perċentwali ddeterminata mid-dħul mill-bejgħ nett previst mill-bejgħ ta' vjaġġ organizzat jew permezz ta' ammont minimu, tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxix ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi għad-dritt għal ripatrijazzjoni.

43 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ksur ikun suffiċjentement ikkaratterizzat meta l-istituzzjoni jew Stat Membru, fl-eżerċizzju tas-setgħa leġiżlattiva tiegħu, ikun eċċeda, b'mod manifest u serju, il-limiti imposti fuq l-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu. F'dan ir-rigward, fost l-elementi li l-qorti kompetenti tista' tasal li tikkunsidra, hemm inklużi l-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola miksura (sentenza tas-26 ta' Marzu 1996, British Telecommunications, C-392/93, Ġabra p. I-1631, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Kif tfakkar fil-punt 38 ta' dan id-digriet, leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tittrasponi b'mod korrett l-obbligi tal-Artikolu 7 unikament, u indipendentement mill-modalitajiet tagħha, jekk b'riżultat tagħha, jiġu effettivament iggarantiti fir-rigward tal-konsumatur kemm ir-rimbors tal-fondi kollha li huwa jkun ħallas kif ukoll ir-ripatrijazzjoni tiegħu fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi (ara s-sentenza Rechberger *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

45 Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverfikaw jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-Istati li tirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

46 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li jirriżulta b'mod ċar, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Artikolu 7 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma twassalx għar-riżultat li jiġu effettivament iggarantiti fir-rigward tal-konsumatur kemm ir-rimbors tal-fondi kollha li huwa jkun ħallas kif ukoll ir-ripatrijazzjoni tiegħu fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi. Peress li l-Istat Membru ma għandu l-ebda marġni ta' diskrezzjoni dwar il-portata tar-riskji li għandhom ikunu koperti mill-garanzija dovuta mill-organizzatur jew mill-bejjiegħ bl-imnut tal-vjaġġi lill-konsumatur, il-kriterji li jkollhom l-għan jew l-effett li jillimitaw il-portata ta' din il-garanzija huma manifestament inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija direttiva u għaldaqstant jikkostitwixxu ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni li, b'riżerva għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta, jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

47 Fid-dawl ta' dak li ntqal, jeħtieġ li tingħata risposta għat-tieni domanda li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma għandu l-ebda marġni ta' diskrezzjoni dwar il-portata tar-riskji li għandhom ikunu koperti mill-garanzija dovuta mill-organizzatur jew mill-bejjiegħ bl-imnut tal-vjaġġi lill-konsumatur. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverfika jekk il-kriterji stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat għall-iffissar tal-ammont tal-imsemmija garanzija għandhomx l-għan jew l-effett li jillimitaw il-portata tar-riskji li din tal-aħħar għandha tkopri, u jekk ikun il-każ dawn il-kriterji jkunu manifestament inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija direttiva u jkunu jikkostitwixxu ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni li, b'riżerva għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta, jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li l-modalitajiet tagħha ma jwasslux għar-riżultat li jiġu effettivament iggarantiti fir-rigward tal-konsumatur kemm ir-rimbors tal-fondi kollha li huwa jkun ħallas kif ukoll ir-ripatrijazzjoni tiegħu fil-każ ta' insolvenza tal-organizzatur tal-vjaġġi. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża ppreżentata qudddiemha.**

2) **L-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma għandu l-ebda marġni ta' diskrezzjoni dwar il-portata tar-riskji li għandhom ikunu koperti mill-garanzija dovuta mill-organizzatur jew mill-bejjiegħ bl-imnut tal-vjaġġi lill-konsumatur. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverfika jekk il-kriterji stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat għall-iffissar tal-ammont tal-imsemmija garanzija għandhomx l-għan jew l-effett li jillimitaw il-portata tar-riskji li din tal-aħħar għandha tkopri, u jekk ikun il-każ dawn il-kriterji jkunu manifestament inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija direttiva u jkunu jikkostitwixxu ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni li, b'riżerva għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta, jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.**

Firem